MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru 520/1998

PULIZIJA
SPETTUR JOSEF PETRONI
VS
CARMEL BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Borg ta’ 45 sena iben Philip u antonia nee Micallef, imwieled Zebbug Malta fid-29 ta’ Novembru 1952 u li joqghod Blk 6, Flat 3, Triq id-Deheb Fin, Qormi numru tal-karta tal-identita numru 873552M talli f’dawn il-gzejjer, fil-31 ta’ Lulju u fix-xhur ta’ qabel, f’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:-
a)b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn Lm500 ghad-dannu ta’ Mid Med Bank Ltd, Bank of Valletta, Stephanie Mifsud u persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(b) ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta li jappartjeni lil werrieta ta’ Francis Schembri, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti , illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif wkoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess dokument iffalsifikat u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 u 184 tal-Ligijiet ta’ Malta.
© u aktar talli sar ricediv a termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduti, datati 4 ta’ Marzu 1998 u 24 ta’ Gunju 1998 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
(d) fl-ahharnett talli huwa kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 4 ta’ Marzu 1998 u 24 ta’ Gunju 1998.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-30 t’Awissu 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Jannar 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u obbliga ruhu li jhallas Lm22.50 fix-xahar ghal sentejn.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 308, 309, 310, 183, 184, 49, 50, 28A 28B(2)(b), u 28H tal-kap 9 tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin.

Rigward akkkuza (d) il-Qorti tissostitwixxi il-perjodu ta' sospensjoni b'dan li t-terminu ta' erbgha snin sospensjoni jibda jopera mil-lum.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------